Kunsill Lokali

Ix-Xewkija

Local Council

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 32**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Erbgħa 18 ta' Marzu 2026. Il-Laqgħa bdiet fl-16:45.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

George Zammit – Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsilliera

Josef Charles Hili - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Ħadd ma kien assenti

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 30 ġew iċċirkolati minn qabel u ser issir korrezzjoni u jiġu ffirmati fil-laqgħa ta' wara għax il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li jrid ikun hemm imniżżel li l-għaqdiet tax-Xewkija xorta ser jitħallsu tal-Karnival.

## 32.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

*Approvazzjoni biex titwaqqa l-kawża*

Is-Sindku bdiet billi qalet li trid issir approvazzjoni biex jitwaqqa l-kaz rigward l-ħaddiem Keith li kien inħakem jisraq. Kien għad fadal ammont li ma' jistax jiġi identifikat u għalhekk mhemmx provi konkreti. Dawk preżenti qablu.

*Party tal-Karnival 2027*

Is-Sindku resqet it-talba li saritlu l-Kunsill biex jerġa jsir il-party tal-Karnival din id-darba fil-heliport minn Miguel Farrugia. Hija qalet li sa dak inhar ser jinbidel it-turf fil-ground tal-football u għalhekk mhux ser ikun jista' jintuża.

*CCTVs*

Is-Sindku tenniet li l-cameras għandhom ikunu jaħdmu sa l-għoxrin tax-xahar. Il-cameras tal-playingfield tal-Ħamrija ser jitqabdu ukoll għax ħadd m'għandu aċċess għalihom.

*Traffic Management*

Is-Sindku qalet li kien hemm xi affarijiet li għad fadal ma' Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-perit kien jonqsu jagħmel xi pjanti mkabbrin minħabba t-tabelli.

*Triq ta'Ġidi*

Is-Sindku qalet li l-livelli tat-triq ittieħdu u sa tlett ġimgħat wara għandu jibda x-xogħol. Hija qalet li Triq ta' Ġidi hemm problema għax kemm krejn kbir u biex jiżżarma jiswa €6000 għalhekk ser iduru madwaru u meta jiżżarma jagħtu l-kumplament tat-triq

*Triq San Pubbliju*

Is-Sindku qalet li l-kuntrattur ta' din it-triq huwa l-istess kuntrattur ta' Triq ta' Ġidi. Il-Kunsilliera Jeannelle Attard qalet li kien hemm xi ndividwi jwaħħlu xi tabella.

SD

*Tal-Barmil Belveder*

Is-Sindku għarfet li dan kważi lest

*Zebra crossings*

Iz-zebra crossing tat-Triq tal-Ħamrija suppost dalwat lesta għax ġew mgħoddijin il-cables. Iz-zebra crossing ta' Triq ta' Ħamet is-Sindku qalet li bgħatet korrispondenza lil Transport Malta li dan għandhom jagħmluha huma għax ġa la darba kienet hemm ma ienet negliġenza tagħhom u tal-kuntrattur li ma reġgħetx saret.

*Heliport*

Is-Sindku qalet li kemm hi u kemm is-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sindku t'Għajnsielem fuq il-post minħabba l-bicyle u walk lane. Il-Perit Shawn Micallef qal li għandu jsir survey fuq it-triq għax għad mhemmx.

Il-Kunsillier qal li hemm sleeping police nofsha maqlgħuha u allura biex jevitawha l-karozzi qed igħaddu minn naħa l-oħra. Is-Sindku qalet li hemm jrid jittranġa dalwaqt.*Kawża l-Qorti*

Is-Sindku qalet li l-kawza tal-qorti minħabba s-sound tal-festa hija f'April u hi ser titla bħalha xhud.

**32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Il-Kunsillier Josef Charles Hili staqsa jistax ikun hemm xi kumpens lill-Kunsill minħabba ir-runway tal-heliport. Is-Sindku wieġbet li qeda f'kuntatt mal-avukata Geraldine Spiteri speċjalizzata fl-avjazzjoni. Hija kompliet billi qalet dan x'impatt jista' jkollu fuq ir-raħal u l-immaniġjar tat-traffiku. Il-Kunsillier Josef Charles Hili qal jekk ikun hemm xi kumpens dan ikun jista' jmur għall-għaqdiet tar-raħal.

Is-Sindku qalet li bħalissa l-avukata msiefra u sabiex meta tkun lura Malta issir laqgħa formali magħha fejn il-Kunsillier Josef Charles Hili qal li qabel issir il-laqgħa għandu jiġi fformulat x'rikjesti hemm mill-Kunsill.

**32.5 Revuzzjoni tal-Kera tal-garaxx;**

Is-Sindku qrat korrispondenza li nbgħatet mis-sid tal-garaxx li qed jinkera mill-Kunsill fi Triq Gorgun fejn qed jitlob lil Kunsill biex jiġi rrevedut il-prezz għax l-kuntratt sar fis-sena 2018.

Is-Sindku qalet li bħalissa barra tal-garaxx qed jintuża barra ukoll. Il-Viċi Sindku tenna li dan hemm bżonnu għax bħalha kunsill mhemmx fejn nwarbu l-affarijiet u għalhekk hemm bżonnu. Huwa kompla biex igħid li għandhom jiċċekjaw l-affarijiet li hemm fih u li mhemmx tajjeb jintrema ħalli jkun hemm aktar spazju.

Ġie deċiz li l-kera titla' għall €250 fix-xahar għall-ħames snin.

SR MH

**32.6 Attivitajiet;**

Is-Sindku qalet li l-attivita li kienet ser issir Ta' Blankas ser tiġi posposta għas-sena ta' wara għax biex tapplika għall-fondi issa trid tapplika minn tlett xhur qabel u l-applikazzjoni ġiet irrifjutatha.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet l-applikazzjoni għat-Tiġrija saritx. Il-Viċi Sindku staqsa l-espressjoni t'interess ħarġitx għat-Tiġrija fejn is-Sindku qalet li ser tagħlaq fl-għoxrin tax-xahar. Hija qalet li diġa kien hemm min hu nteressat. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li ser taħbat mal-grizma fejn is-Sindku rrispondiet li jekk din issir il-Hadd l-ispiza tkun id-doppju.

Il-Viċi Sindku qal li mportanti li jekk il-Kunsill ma jingħatax l-€10,000 fondi mill-ministeru min ser jorganizza t-tiġrija jidħol għall-ispiza kollha hu. Is-Sindku qalet li kienet ċara magħhom li s-sigurta jrid jieħu ħsiebha l-Kunsill. Hija qalet ukoll li mhux ser ikun hemm bżonn blokok daqs is-sena l-oħra u għalhekk l-ispiża ser tiġi inqas.

Dwar l-assikurazzjoni s-Sindku qalet li ċċekjat ma' ta' l-Assikura u għalkemm il-Kunsill ma jkunx organizza t-tiġrija hu, jekk żiemel iweġġa lil xi ħadd, mhemm xejn li jżomm lill-individwu milli jtella lil-Kunsill allavolja ma jkunx l-organizzatur hu.

Is-Sindku tenniet li Id-dokument li jiffirma l-organizzatur li hu responsabbli hija rekwiżita minn Transport Malta.

Is-Sindku tablet li Kunsillier Charles Hili biex jitlob lill-organizzatur tal-bike marathon sabiex jipprovdilna poster.

**32.7 Skemi tal-Gvern Lokali;**

SPI/SCI/01/2026 – Attivitajiet Kulturali, dawk preżenti qablu li bħas snin preċedenti issir l-applikazzjoni għal Fiori d'Arġenta

SPI/SCI/02/2026 – Lokalitajiet aktar nodfa, jekk il-kriterji jipprovdu jinxtara l-apparat filkaz dawk preżenti qablu li jsir t-tindif tar-rubber tal-playingfield tal-Ħamrija

SPI/SCI03/2026 – Attivitajiet Milied 2026, is-Sindku wriet ix-xewqa li dawn il-fondi jintefqu f' dwal għat-toroq tal-Milied. Is-Sindku qalet li kellmet lil tal-Armar però dawn xorta jridu jibatuh Malta. Hija qalet li nipprova nordnaw id-dwal mill-Italja minn għand l-istess persuna li jordna dak li jieħu ħsieb id-dawl tal-Milied. Dawk preżenti qablu. Il-Kunsillier Josef Charles Hili ssuġġerrixxa li jekk ikun għad fadal fondi jintużaw għall siġra tal-milied għall-pjazza.

SPI/SCI/04/2026 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri, is-Sindku staqsiet tistax terġa ssir applikazzjoni fuq proġett li l-Kunsill ikun diġà applika għalih, Il-kunsillier Josef Charles Hili ssuġġerixxa l-pjazza. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerriet li jitnaddaf il-Ġibjun jew li jiżdied id-dwal fi Triq tal-Ħamrija fejn il-kunsillier George Zammit qal li t-triq taqa' taħt il-gvern ċentrali. Dawk preżenti qablu li tintalab stima fuq tal-ġibjun.

SPI/SCI/05/2025 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità, il-kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li l-fondi jintużaw għall professjonisti għall learning hub, jsir xi tip ta' kuntratt mal-professjonisti għall programm. Is-Sindku qalet li l-għada għandha laqgħa dwar dan u ser tinforma lil-Kunsill wara.

SR MM

SPI/SCI/06/2026 – Karnival 2027, dawk preżenti qablu li napplikaw

**32.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

L-iskeda tal-pagamenti 03/2026 ġiet approvatha u ffirmatha.

**32.9 Korrispondenza u Ilmenti;**

05/03/2026 - Cir AKL 2026/023_ALDA General Assembly 2026
05/03/2026 - Cir AKL 2026/022_Green Space Survey
05/03/2026 - MB5 - Request for Filming Permit in Xewkija
17/03/2026 - Cir AKL 2026/019_ARLEM Award – Young Local Entrepreneurship in the Mediterranean

- Ilment biex jitneħħa il-fencing f'tal-Barmil pero il-fencing qiegħed bil-permess
- Ilment minn Josef Magro rigward is-sigurta fil-ħin tat-tiġrija quddiem il-propjeta tiegħu. Is-Sindku qalet li tara x'jista' jsir dwar dan.
- Ilment dwar il-bus stop li trid tiġi mneħħija minn pjzza ta' spaku, għandha tiġi mibgħuta kominikazzjoni lil Transport Malta għas-suġġerimenti

**32.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-18:45 u ġiet aġġornata għall Erbgħa 22 ta' April 2026 fl-16:30

Kkonfermati llum 22/04/2026

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv